

2) Ecolab USA, Inc. Hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 211, 13.6.2016

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2017 – Migros-Genossenschafts-Bund vs EUIPO – Luigi Lavazza (CREMESPRESSO)

(Kawża T-189/16) ⁽¹⁾

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva CREMESPRESSO — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti CREMESSO — Element allużiv — Interdipendenza tal-kriterji — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2017/C 283/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Migros-Genossenschafts-Bund (Zürich, l-Iżvizzera) (rappreżentant: M. Treis, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u I. Moisescu, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Luigi Lavazza SpA (Turin, l-Italja) (rappreżentanti: M. Ricolfi u F. Tarocco, avukati)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Frar 2016 (Każ R 2823/2014-4), dwar proċedimenti ta' invalidità bejn Migros-Genossenschafts-Bund u Luigi Lavazza.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-23 ta' Frar 2016 (Każ R 2823/2014-4) hija annullata, sa fejn il-Bord tal-Appell laqa' r-rikors ta' Luigi Lavazza SpA u parzjalment annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni f'dak li jikkonċerna l-prodotti segwenti: “Magni elettriċi għat-tkissir tas-silġ” u “Magni għat-tħejjija tal-ġelat, magni għat-tħejjija tas-sorbets, kif ukoll magni għat-tħejjija tal-kafè”, fil-klassijiet 7 u 11, koperti mit-trade mark ikkontestata.
- 2) L-EUIPO u Luigi Lavazza għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti minn Migros-Genossenschafts-Bund

⁽¹⁾ ĠU C 232, 27.6.2016

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 14 ta' Lulju 2017 – Klassisk investment vs EUIPO (CLASSIC FINE FOODS)

(Kawża T-194/16) ⁽¹⁾

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għal-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva CLASSIC FINE FOODS — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009*”]

(2017/C 283/61)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Klassisk investment Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u D. Hanf, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-29 ta' Jannar 2016 (Każ R 1970/2015-1), dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva CLASSIC FINE FOODS.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Klassisk investment Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 222, 20.6.2016

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2017 – Sata vs EUIPO (4600)

(Kawża T-214/16) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Sinjal esklużivament ikkostitwit minn ċifri — Talba għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali 4600 — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]

(2017/C 283/62)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Sata GmbH & Co. KG (Kornwestheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-C. Simon, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Frar 2016 (Każ R 1942/2015-4), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal verbali 4600 bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Sata GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 232, 27.6.2016.